Nru 16,506
Prezz 8c
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 28 ta' Awissu, 1997
Thursday, 28th August, 1997

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 629

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

ARTIKOLU 47 TA' L-ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP

L-Awtorità ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Proprjetà Nru. 60/61

Triq Tad-Dawl

ĦAŻ-ŻEBBUĠ

(ara l-pjanta f'paġna 5052) hi ta' valur arkitettoniku u għall-kuntest li tinsab fih.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi danneġġata bl-iżvilupp.

L-Awtorità qieghda b' hekk tohroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward ta' din il-proprjetà msemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà ghandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy UCO* 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur arkitettoniku u storiku.

(ii) L-ebda tkissir, ħsara, żvilupp, irdim, ċaqliq ta' materjal jew tneħħija ta' ġebel ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetà ta' l-imsemmija proprjetà.

(iii) Kull intervent f'din il-proprjetà li jista' jkun permess skond il-provvedimenti msemmija hawn fuq għandhom ikunu approvati bil-quddiem mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

GOVERNMENT NOTICES

No. 629

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

SECTION 47 OF THE DEVELOPMENT PLANNING ACT, 1992

The Planning Authority believes that the following property, namely:–

Property No. 60/61

Triq Tad-Dawl

ĦAŻ-ŻEBBUĠ

(see attached site plan on page 5052) is of architectural and contextual value.

The Authority also believes that the property is in danger of being damaged by development.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The property is to be considered as a Grade 2 scheduled property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historical value.

(ii) The destruction, infliction of damage, development, dumping or movement of material, or removal of stones within the property of the said buildings is prohibited.

(iii)Any interventions on the property which might be permissible according to the above must be approved in advance in writing by the Planning Authority.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk is-sit jiġi danneġġat, mibdul jew distrutt bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-28 ta' Awissu, 1997

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the site is damaged, altered or destroyed in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

28th August, 1997

